SANTA LUĊIJA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija**

**Is-Seba' Leġislatura**
**Laqgħa Numru 52-19**

**29 ta' Jannar 2019**

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol Santa Luċija fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Terrence Ellul – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Joe Bonello – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Il-Kunsilliera Liam Sciberras u Caroline Galea nfurmaw lill-Kunsill li ma jistgħux jattendu għall-laqgħa.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Terrence Ellul ippresjeda l-laqgħa.

**52.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

Is-Sindku qara *e-mail* tal-Kunsillier Liam Sciberras fejn informa li kien jinsab indispost. Is-Sindku qara *e-mail* tal-Kunsilliera Caroline Galea fejn infurmat il-Kunsill li ma setgħetx tattendi għall-laqgħa u skużat ruħha.

**52.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa numru 51-18**

**52.2.1 *Bus Terminus***

Is-Sindku nforma l-Kunsill li Transport Malta ser ikunu qed ikellmu l-Kunsill peress li hemm bżonn li ssir struttura żgħira biex il-Bus Terminus isir f'Dawret it-Torri.

**52.2.2 *Proġett tal-Promenade f'Dawret it-Torri u Triq Prinjoli***

Il-Kunsillier Bonello irrefera għall-minuta 51.5 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp fuq il-proġett tal-*promenade*. Is-Sindku nfurmah li l-perit għadu ma bgħat xejn.

**52.2.3 *Tabella bl-isem tat-triq fi Triq Bruka***

Il-Kunsillier Bonello rrefera għal Triq Bruka u staqsa jekk sarx l-isem tat-triq. Huwa ġie nfurmat li l-isem sar fuq arblu peress li biex jeħel fil-kantuniera kien hemm bżonn il-permess ta' sid id-dar li tinsab fil-kantuniera ta' din it-triq.

**52.2.4 *Approvazzjoni tal-Minuti***

Il-Minuti tal-Laqgħa 51-18 ġew approvati mill-Kunsill.

**52.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Lokalita' 2019**

**52.3.1** Il-Kunsill iddiskuta l-andament tal-Laqgħa tal-Lokalita' li matula ġew ippreżentati Rapport Amministrattiv għas-sena 2018 u Pjan ta' Ħidma għas-sena 2019. Dawn iż-żewġ rapporti jinsabu annessi mal-Minuti ta' din il-laqgħa.

**52.3.2 *CCTV Cameras***

Il-Viċi Sindku rrefera għas-CCTV Cameras li saru fil-Playing Field u staqsa kif il-membri tal-Kunsill għad m'għandhomx IP Address. Is-Sindku qal li ser isir talba lis-suppliers ta' dawn is-CCTV Cameras kif ukoll trid issir talba lill- MITA biex jiftħu l-port għal dan l-IP Address.

**52.3.3 *Xogħol mill-Awtorita' tad-Djar fuq Blokki ta' Appartamenti tal-Gvern***

Il-Viċi Sindku staqsa dwar ix-xogħol fuq il-gallarijiet li qed isir mill-Aworita' tad-Djar fi Triq Gardenja. Is-Sindku qal li dawn ser jinbidlilhom il-ħadid u jsiru kollha bojod. Il-Viċi Sindku qal li hu ma jaqbilx li fuq wara ta' Blokk 10 u 11 għandhom jitneħħew il-gallarijiet għax dawn ilhom hemm. Qamet diskussjoni u l-Kunsill qabel li għandha ssir talba lill-awtoritajiet biex dawn jinħarġilhom il-permess u tiġi rregolizzata l-pożizzjoni tagħhom.

**52.3.4 Triq il-Ġiżimin**

Il-Viċi Sindku rrefera għal minuta 4.2.1. u għat-tweġiba li ngħatat mis-Sindku fir-rigward ta' Triq il-Ġiżimin. Huwa qal li issa li din is-sena Infrastructure Malta ser tkun qed tagħmel xogħol ta' *resurfacing* f'din it-triq, importanti li ninfurmaw dwar il-problema ta' *gutters* u *culverts* ħalli din tiġi indirizzata. Is-Sindku wieġeb li diġa nforma lill-Infrastructure Malta dwar dan.

**52.3.5** ***Approvazzjoni tal-Minuti***

Il-Minuti tal-Laqgħa tal-Lokalita' 2019 ġew approvati mill-Kunsill.

**52.4 Affarijiet Finanzjarji u Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

**52.4.1** ***Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti***

Il-Kunsill approva l-Iskeda ta' Pagamenti numru CM52-19 għall-perjodu bejn is-17 ta' Diċembru 2018 sa t-22 ta' Jannar 2019 minn *cheque* numru BOV 7434 sa *cheque* numru BOV 7483.

**52.4.2** ***Measure 4.3 – certifikazzjoni ta xogħol***

Is-Sindku qara *e-mail* li fiha l-perit tal-Kunsill għamel il-kummenti tiegħu dwar ix-xogħol ta' *resurfacing* fuq Alley L/O Ta' Garnaw Santa Luċija. Saret diskussjoni u l-Viċi Sindku staqsa jekk hux ser isiru *core testing*. Is-Sindku qal li l-perit tal-Kunsill kien iċċertifika x-xogħol u li kif il-Kunsill ikollu l-approvazzjoni tal-entitajiet ikkonċernati ikun jista jiddeposita l-10% tal-*invoice* ħalli jinħareġ il-pagament.

**52.4.3** ***Xiri ta' Palm Reader***

Il-Kunsill approva ix-xiri ta' Palm Reader għal prezz ta' €240.00.

**52.5 Kommunikazzjonijiet**

**52.5.1** ***Health Policy AKL Cirkulari 157-2018***

Fir-rigward taċ-Ċirkulari hawn fuq imsemmija l-Kunsill ikkonferma li l-ħaddiema tas-CIES u l-Community Workers għandhom ikunu nklużi fil-Health Policy tal-Kunsill.

**52.5.2** ***Survey dwar Sparar tal-Festi***

Is-Sindku tkellem dwar il-mistoqsijiet li ser isiru lir-residenti fir-rigward tas-*survey* li kien ser jikkommissjona l-Kunsill dwar l-impatt fuq ir-residenti fir-rigward tal-isparar tal-festi. Il-Kunsill innota l-kummenti tal-Kunsilliera dwar dawn il-mistoqsijiet u ta l-approvazzjoni tiegħu biex ikun jista jsir is-*survey* kif propost.

**52.5.3** ***Talba għall-laqgħa dwar l-użu ta'Ġnien is-Serenita'***

Is-Sindku nforma l-Kunsill li rappreżentanta ta' kumpanija li tieħu ħsieb *bookings* għal tiġijiet qed titlob laqgħa dwar l-użu tal-Ġnien is-Serenita' għal dan it-tip ta' attivitajiet. Kien hemm qbil li għanda tiġi kkordinata laqgħa u jiġi nfurmat il-Kunsill bid-dettalji tal-laqgħa.

**52.5.4** ***Cirk AKL 2019/006 – Sezzjonijiet ta' taħriġ għall-Fire Wardens***

Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-assistent prinċipal tal-Kunsill ser tattendi għat-taħriġ hawn fuq imsemmi li għalih hemm ħlas ta' tletin ewro.

**52.5.5** ***Ċirk AKLI 2019/010 – Data Protection Officers mal-Kunsilli Lokali***

Is-Sindku għamel referenza għaċ-Ċirkulari hawn fuq imsemmija u spjega li l-Assoċjazzjoni għall-Kunsilli Lokali qed toffri s-servizz temporanju tal-persuna li hija d-Data Protection Officer tal-Assoċjazzjoni. Huwa qal li nistennew sakemm jiġi fis-seħħ taħriġ dwar din il-kariga u wara niddeċiedu.

**52.4.5** ***Cirk AKL 2019/009 – Proposed Charging Pillar Locations***

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li Transport Malta qed tipproponi li ic-Charging Pillar fil-lokalita' ta' Santa Luċija issir fi Triq Inez Soler. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u qabel li din ic-Charging Pillar għandha ssir f'Dawret it-Torrii quddiem l-għassa tal-Pulizija.

**52.4.6** ***Membership ECAD***

Is-Sindku nforma li r-Reġjun qed joffri li jħallas il-*membership fee* tal-ECAD. Il-Kunsill aċċetta din il-proposta.

***Crossover Agreement***

**52.4.7** Is-Sindku rrefera għall-proġett li ser isir b'fondi tal-Unjoni Ewropea u fih il-Kunsill qed jipparteċipa bħala *partner.* Huwa qal li għall-ewwel avveniment li ser isir f'Żabgreb fil-Croatia l-Kunsill ser ikun qed jipparteċipa u ser jattendu l-Viċi Sindku Frederick Cutajar u l-Kunsillier Liam Sciberras. Huwa qal li l-ispiża tal-passaġġ tal-ajru ser titħallas sa massimu ta' €500 mill-Lead Partners tal-proġett u l-Kunsill ser iħallas għas-*subsistance allowance* dovuta lill-parteċipanti. Is-Sindku qal li l-Kunsill ser ikun qed jiffirma ftehim f'dan ir-rigward. Il-Kunsill ta l-approvazzjoni tiegħu għal din l-inizjattiva.

***Ċirk AKL 2018/152 – Bus Shelters***

**52.4.8**

Is-Sindku irrefera għaċ-Ċirkulari li rċieva l-Kunsill fir-rigward tal-ftehim li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għamlet ma' Faces Consultants Ltd. Is-Sindku qal li nhar it-Tlieta. 5 ta' Frar 2019 ser issir laqgħa ma' rappreżentant tal-kumpanija Faces dwar proposti tal-Kunsill fir-rigward ta' *bus shelters* eżistenti u dawk ġodda. Qamet diskussjoni u l-Kunsill qabel li fil-proposti jinkludi iż-żewġ *bus shelters* ġodda fi Triq Pepprin u li l-*bus shelter* fi Triq Guljetta Lopez tersaq biex ix-xufier tal-karozzi tal-linja jkun jista jara n-nies li jkun hemm qed jistennew.

**52.4.9** ***Three Phase Cable fi Ġnien is-Serenita'***

Is-Sindku qal li l-Viċi Sindku nforma l-Kunsill lix-xogħol fuq l-installazjoni ta' *three phase cable* fi Ġnien is-Serenita' issa huwa lest u jonqos biss li issir il-komunikazzjoni mad-dawl. Il-Viċi Sindku ppropona li tinbgħat ittra ta' ringrazzjament lill-Fondazzjoni għat-Turiżmu ta' dan ix-xogħol li bih ġew iffrankati mal-€4,000.00. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

**52.4.10** ***Talba għall-rimbors***

Il-Kunsill qabel li isir rimbros ta' €14.00 lill-individwu li għamel ħsara fil-vettura tiegħu fi triq li fiha kien għaddej xogħol tal-Kunsill.

**52.5.11** ***Ilment***

Is-Sindku rrefera għall-ilment numru 01-2019 li sar minn resident dwar periklu kawża tal-istat li fih jinsab ċint li jdawwar għalqa fi Triq Katerina Vitale. Il-Kunsill qabel li dan l-

ilment għandu jiġi riferut lill-pulizija ħalli tittieħed l-azzjoni meħtieġa.

52.5.12 ***Ħsara fil-wiċċ tat-triq fi Vjal Oleandri***

Is-Sindku semma l-ħsara li hemm fil-wiċċ tat-triq quddiem il-Bus Stop fi Vjal Oleandri. Qamet diskussjoni u ġie deċiż li għandha ssir talba lill-Infrastructure Malta biex din il-ħsara tiġi irranġata max-xogħol li ser isir fi Triq il-Ġiżimin.

52.6 ***Budget 2019***

Il-Kunsill iddiskuta proposti għall-*budget* 2019. Saret diskussjon u l-Kunsill qabel li fin-nefqa kapitali għandu jkun hemm provista għall-ispiża nvoluta biex isir sistema ta' CCTV fi Pjazza 7 ta' Lulju, spiża nvoluta għall-*upgrading* tal-uffiċċju tal-Kunsill u xiri ta' żewġ *laptops*. Il-Kunsill qabel ukoll mal-proposta tal-Viċi Sindku biex ikun hemm provista ta' l-ispiża biex isir kunċert mużikali mill-Medina Music Foundation fl-okkazzjoni ta' Jum Santa Luċija. Ġiet innutata l-provista għall-kuntratt il-ġdid għal tindif u manutenzjoni tal-latrina pubbliċi u żieda fl-ispiża fuq il-kuntratt tal-knis li ser joħroġu matul is-sena 2019. Is-Sindku qal li kopja tal-*final draft* tal-Budget ser tiġi ppreżentata fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

52.7

**Business Plan 2019-2022**

Il-Kunsill iddiskuta l-Business Plan 2019-2022. Il-Kunsill qabel li jkompli miexi fuq il-*business plan* eżistenti li għandha tiġi aġġornata b'sena.

52.8

***Kuntratt SLLC (RMFP) (57-18-04) – Xogħolijiet ta' Manutenzjoni ta' Toroq – Evaluation Report***

Is-Sindku, bħala *Chairperson* tal-*Evaluation Committee* fuq is-sejħa għal kuntratt hawn fuq imsemmija, ressaq għal attenzjoni tal-Kunsill l-*Evaluation Report* għal approvazzjoni tal-Kunsill. Huwa qal li dan ir-rapport jirrakomanda li din is-sejħa ma tistax titqies favorevoli peress li r-rati mitfuha huma ħafna għola mir-rati kurrenti tas-suq. Il-Kunsill qabel ma' din ir-rakkomandazzjoni u qabel ukoll li tinħareġ sejħa ġdida għal dan is-servizz.

52.9 **Kuntratt PC (57-19-01) Servizz Żamma u Manutenzjoni ta' Latrini Pubbliċi f'Santa Luċija, bl-użu ta' prodotti u servizzi favur l-Ambjent**

Is-Sindku rrefera għas-sejħa fuq l-*epps* fuq il-kuntratt hawn fuq imsemmi. Approva l-membri tal-*Evaluation Committee* fuq il-kuntratt hawn fuq imsemmi kif ġej:

Terrence Ellul - Chairperson
Kenneth Brincat - Evaluator
Dr Vincienne Vella - Evaluator
Frederick Cutajar - Evaluator
Caroline Silvio - Segretarju

52.10 **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

52.10.1 ***Mistoqsija tal-Viċi Sindku***

Il-Viċi Sindku staqsa meta ħa ssir Triq Bruka. Huwa staqsa wkoll meta ħa jitwaħħlu *bins* ġodda f'Dawret it-Torri. Il-Viċi Sindku talab ukoll li jsir *refreshing* tal-linji sofor fi Triq Katerina Vitale.

**52.10.1.1** ***Tweġiba tas-Sindku***

Is-Sindku wieġeb li hekk kif Infrastructure Malta tlesti it-tletin triq li qed isiru bħalissa ser tagħmel ix-xogħol fuq Triq Bruka, Triq Gardenja u Triq Żnuber. Rigward il-*bins* il-ġodda is-Sindku qal li ser jeħlu fil-ġranet li ġejjin u fir-rigward tal-linji sofor dawn ser ikunu qed isiru mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill.

**52.10.2** ***Mistoqsija tal-Kunsillier Liam Sciberras***

Is-Sindku qara mistoqsija li bgħat il-Kunsillier Liam Sciberras fir-rigward tal-Car Sharing GoTo *points.* Fl-*e-mail* tiegħu l-Kunsillier Sciberras talab biex il-Kunsill jitlob informazzjoni dwar kemm intużaw il-karozzi tal-kiri li ingħataw *parking slot* bi privileġġ a detriment tal-karozzi tar-residenti.

**52.10.2.1** ***Tweġiba tas-Sindku***

Is-Sindku wieġeb li għandna nitolbu din l-informazzjoni lill-Car Sharing Malta Ltd**.**

**52.10.3** ***Mistoqsija tal-Kunsillier Bonello***

Il-Kunsillier Bonello rrefera għal *parking bays* fi Triq Maria de Domenicis u staqsa jekk dawn jistgħux jiġu immarkati fuq iż-żewġ naħat tat-triq kif hemm f'postijiet oħra. Huwa qal li bħalissa kulħadd jipparkja bl-addoċċ għal konvenjenza tiegħu.

**52.10.3.1** ***Tweġiba tas-Sindku***

Is-Sindku ta spjega għala dawk il-*parking lines* saru hekk u qal li jekk nibdluhom jerġa jkollna l-ilmenti li kien ikollna fil-passat. Huwa qal li issa anki Transport Malta qed tagħmel il-*parking lines* b'dak il-mod.

**52.11** ***Performance Appraisal tal-ħaddiema klerikali tal-Kunsill***

Il-Kunsill approva l-performance bonus tal-ħaddiema tal-Kunsill kif ġej:

| | |
|---|---|
| Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv | 10% |
| Louise Gatt – Assistant Prinċipali | 6% |
| Marilyn Ellul – Uffiċċjal Eżekuttiv | 6% |
| Jessica Dalli – Skrivana | 6% |

**52.12** **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-7.30p.m. Il-Laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis, 14 ta' Frar 2019 fil-5.30p.m.

Konfermati, illum il-Ħamis, 14 ta' Frar 2019

**Terrence Ellul**
**Sindku**

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**